**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 025/2019**

**CD (l-ilmentatur)**

**vs**

**MAPFRE MSV LIFE p.l.c. (C 15722)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**, fejn l-ilmentatur jissottometti illi hamsa u ghoxrin sena ilu, kien gie avvicinat sabiex jixtri *Comprehensive Life Policy,* u wara li nghata lista ta' figuri li kienet turi li jekk jinvesti Lm200 fis-sena mal-provditur tas-servizz, wara 25 sena kellu jiehu s-somma ta' Lm17,243. Stqarr li izda dan ma sehhx ghax wara 25 sena li hu kien afda lill-istess provditur tas-servizz bi flusu, ircieva biss €20,000 (Lm8,000) li lanqas biss jammontaw ghal nofs is-somma imwieghda lilu. Hu insista li l-figura ta' €20,000 qatt ma dehret fil-lista imsemmija li giet murija lilu originarjament.

L-ilmentatur ihoss li kien hemm *mis-selling* min-naha tal-provditur tas-servizz ghaliex is-somma imwieghda lilu qatt ma thallset. Qal li l-persuna li bieghet il-polza lilu, John Degiorgio, urieh biss figuri sbieh u attraenti imma ma semma xejn negattiv. Barra minn hekk, ihoss li l-*mis-selling* sar ukoll ghall-fatt li l-istess Degiorgio lanqas biss infurmah li, fil-fatt, Lm12 mill-Lm200 imhallsa kull sena, kienu qed jinzammu bhala *administration fees*; u meta ilmenta dwar dan, intqal lilu li jekk ma joghgbux, seta' jwaqqaf il-polza.

Qal li aktar tard, wara li rcieva figuri li ma kinux jaqblu mal-weghda tal-provditur tas-servizz, hu staqsa f'liema qaghda kienet il-polza, izda ghal erba' darbiet,

intqal lilu li ma kellux ghax jinkwieta ghax is-somma kienet ser tizdied hafna fl-ahhar snin.

L-ilmentatur sostna li filwaqt li hu dejjem hallas fil-hin u zamm il-parti tal-kuntratt min-naha tieghu, mhux l-istess sar mill-provditur tas-servizz, partikolarment, meta s-somma finali mhallsa lilu kienet ferm 'il boghod minn dak li gie muri originarjament.

Hu qed jistenna li s-somma li kien imwieghed, jigifieri Lm17,243, ekwivalenti ghal €40,165, tinghata lilu u, ghaldaqstant, sabiex ikun sodisfatt skont ma gie mwieghed lilu hamsa u ghoxrin sena ilu, ghad fadallu jircievi minghand il-provditur tas-servizz is-somma ta' €19,965.

**Ra t-twegiba tal-provditur tas-servizz:**

Illi t-talbiet tal-ilmentaturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjetà esponenti tixtieq ticcara l-fatt illi minhabba li l-polza in kwistjoni giet mahruga mis-socjetà *Middle Sea Insurance Co. Ltd.,* u minhabba illi l-istess polza imbaghad giet trasferita lis-socjetà esponenti, ghalhekk kwalunkwe referenza f'din ir-risposta ghas-socjetà esponenti ser tinkludi s-socjetà *Middle Sea Insurance Co. Ltd.*

2. Illi fit-tieni lok, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-Artikolu 21(1)(b) tal-Att Dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) li jghid hekk kif gej:

   '*L-Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara: izda lment dwar imgiba li tkun sehhet qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att ghandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidhol fis-sehh.*'

   Minn dan l-Artikolu johrog car illi l-Arbitru ghandu kompetenza li jisma' ilmenti fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun

sehhet fl-1 ta' Mejju 2004, jew wara, basta fir-rigward ta' imgiba li tkun sehhet bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-18 ta' April 2016, l-ilment isir fi zmien sentejn mit-18 ta' April 2016.

Minhabba illi l-polza in kwistjoni gew mibjugha fis-sena 1994, u jidher illi hemm vertenza dwar l-imgiba tas-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-istess polza, kif spjegat fit-Taqsima D tal-ilment, l-Arbitru huwa inkompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi l-mertu dwar dik l-imgiba u, ghalhekk, ghandu jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiddeciedi din il-kawza dwar dawn il-punti fl-ilment.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq tirreferi ghall-fatt allegat mill-ilmentaturi illi l-*maturity value* fir-rigward tal-polza in kwistjoni ma kienx ekwivalenti ghall-*estimated maturity value* kif kien indikat mis-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni. Konsegwentement, l-ilmentatur qieghed jitlob lill-Onorabbli Arbitru jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjetà esponenti tigi ordnata thallas lill-ilmentatur is-somma ta' Euro40,165 (ekwivalenti ghal Lm17,243) li hu qed jallega li giet imwieghda lilu fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni u, *cioè,* fir-rigward tal-polza bin-numru 8275.

   F'dan ir-rigward, is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi jekk ghall-grazzja tal-argument biss, nassumu li l-ilmentatur sofra xi danni u, ghalhekk, huwa dovut xi kwalsiasi kumpens a favur tieghu, u dan ovvjament mhuwiex il-kaz u mhuwiex ammess, l-ammont ta' kumpens dovut lilu ma jistax ikun dak li qed jitlob fit-Taqsima D tal-ilment.

   Barra minn hekk, l-ilmentatur **digà thallas il-*maturity value* kollu fl-ammont ta' Euro20,203.41 fit-23 ta' Jannar 2019 u, *cioè,* qabel ma sar l-ilment in kwistjoni.** Qed tigi hawn annessa l-*Payment Request Form* li kienet inharget mis-socjetà esponenti li turi dan immarkata bhala Dok. MSV 1.

   L-ilmentatur ukoll accetta l-hlas tal-*maturity value* '***In full and final settlement and shall discharge MAPFRE MSV Life plc (MAPFRE MSV)***

***from any further liability under the policy’*** u dan billi iffirma l-*Maturity Instructions* fit-22 ta’ Jannar 2019, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MSV 2. Is-socjetà esponenti ma tistax tifhem kif l-ilmentatur qed jaghmel dan l-ilment u qed jippretendi illi jircievi l-ammont kollu li kien l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* meta fil-fatt huwa digà thallas l-ammont ta’ Euro20,203.41 minnhom.

Ir-ragunijiet ghalfejn it-talba tal-ilmentatur hija infondata u, ghalhekk, l-ilmentatur ma jimmeritax illi jircievi ebda kumpens *oltre* l-*maturity value* **li digà gie imhallas lilu** fl-ammont ta’ Euro20,203.41, digà fil-fatt gew ikkomunikati fid-dettall lill-ilmentatur permezz ta’ ittra li intbaghtet mis-socjetà esponenti fid-29 ta’ Jannar 2019 (kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MSV 3).

It-talba tal-ilmentatur hija ghalhekk infondata minhabba illi dan l-ammont mitlub huwa ibbazat fuq stima li saret meta l-ilmentatur xtara l-polza *de quo.* Kieku wiehed seta’ jiehu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina l-kumpens allegatament dovut lill-ilmentatur, allura, jfisser li l-*Estimated Maturity Values* kienu gew moghtija tifsiriet ferm differenti minn dik ta’ stima (hekk kif kienu gew uzati u kif jinftehmu bit-tifsira normali tal-kliem) u jiehdu minflok tifsira zbaljata ta’ ammonti garantiti sabiex, konvenjentement, l-ilmentatur jivvanta l-pretensjonijiet infondati tieghu.

Jidher car illi l-ilmentatur qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuq l-istimi indikati fil-*Life Assurance Quotation* datata 13 ta’ Jannar 1994 (kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MSV 4) li inghatat lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgh tal-polza mis-socjetà esponenti u, *cioè,* fuq l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* fl-ammont ta’ Euro40,165 (ekwivalenti ghal Lm17,243). F’dan il-kuntest, is-socjetà esponenti tixtieq tenfasizza illi l-istima li kienu inghataw lill-ilmentatur inkluz dik li l-ilmentatur qed jibbaza l-ilment tieghu kienu ibbazati fuq ir-rati ta’ qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien wara li s-socjetà esponenti tkun hadet in konsiderazzjoni l-età tal-assikurat u l-ammont ta’ *premium* li kien ser ihallas fis-sena. Is-socjetà esponenti tinnota illi l-ilmentatur sfaccatament

qieghed jinjora l-fatt illi l-*Life Assurance Quotation* kienet tinkludi l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* ta' Euro29,210 (Lm12,540).

B'referenza ghal dawn il-figuri, is-socjetà esponenti tixtieq tispjega illi l-figuri kkwotati ma kinux ammonti garantiti imma *'Estimated Maturity Values'* kif kien indikat bl-aktar mod car fil-*Life Assurance Quotation* stess liema figuri kienu ibbazati fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi dak iz-zmien. L-aktar fattur importanti li jaffettwa r-rati tal-*bonus* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti. Fis-snin recenti, l-prestazzjoni tal-investiment internazzjonali kienet aktar baxxa. Madankollu, s-socjetà esponenti tikkonferma li l-kwotazzjoni li tat fil-bidu tal-polza in kwistjoni kienet fil-fatt korretta skont ic-cirkostanzi finanzjarji ta' dak iz-zmien u, ghalhekk, agixxiet *in bona fede.*

Ghalhekk, jirrizulta car, allura, li l-ebda ammont ma kien gie garantit hlief is-*Sum Assured* fl-ammont ta' Euro10,307.48 (Lm4,425).

In oltre, anke wara l-hrug tal-polza in kwistjoni sad-data tal-immaturar taghha, is-socjetà esponenti baqghet tagixxi *in bona fede* minhabba illi hija dejjem immaniggjat l-*MSV With Profits Fund* u fl-ahjar interess tad-detenturi tal-polza taghha. L-immanigjar tal-fond huwa taht skrutinju mhux biss tal-*management* ezekuttiv u tal-*investment committees* tas-socjetà esponenti, imma wkoll taht skrutinju tal-attwarji, Willis Towers Watson, ditta internazzjonali, professjonali u indipendenti, kif ukoll taht skrutinju tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. L-andament tal-istess fond huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqlieq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobbli u kif ukoll ohrajn illi gewwa fihom tinvesti s-socjetà esponenti. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittiehed bhala vangelu u, kif jaf kulhadd, il-valur tal-investiment jista' joghla kif ukoll jinzel u l-passat m'huwiex garanzija tal-futur. Barra minn hekk, il-valuri indikattivi tal-investiment tal-polza meta gew mibjugha lill-ilmentatur bl-ebda mod ma qatt gew deskritti li kienu garantiti. Id-diminuzzjoni fil-valur tal-investiment kif deskritt fl-ilment ma huwa xejn hlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-fond hawn fuq imsemmi tul il-perjodu kollu li ilha fis-sehh din il-polza li

gew milquta, bhal kull investiment iehor, mill-implikazzjonijiet negattivi li gabu maghhom it-tliet krizijiet finanzjarji li ovvjament, hadd ma kien qed jistennihom. Konsegwenza ta' dawn, kien hemm tnaqqis konsiderevoli fir-rati tal-imghax. Però, jekk wiehed jaghmel analizi dettaljata fejn jittiehdu in konsiderazzjoni il-fatturi kollha (u mhux uhud biss minnhom) wiehed jasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda dik il-parti tal-polza in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-hajja) marret tajjeb kif ikkomparata ma' investimenti komparabbli fis-swieq tal-investiment tul il-kors tal-perjodu tal-polza *de quo.*

Fil-fatt, irid jinghad illi ta' kull sena, is-socjetà esponenti dejjem zammet lill-ilmentatur mgharraf b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza *de quo* billi forniet lill-ilmentatur (kif ghamlet ovvjament mad-detenturi tal-polza kollha taghha) bil-valuri attwali tal-polza *de quo,* permezz tal-*Bonus Statements* li maghha kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Important Notes,* u sa mill-2001 kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Media Release*. Kopja ta' whud minn dawn il-*Bonus Statements* qeghdin jigu hawn annessi u immarkati bhala Dok. MSV5 sa Dok. MSV13. Il-*Bonus Statements* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-polza minn sena ghal sena.

L-unika haga li kien qed jinbidel minn sena ghall-ohra kien l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses,* kif is-socjetà esponenti kienet fil-fatt intitolata li taghmel.

*Inoltre,* apparti li l-kliem *Estimated Maturity Value* u *illustration* uzati fil-*Quotation* tal-polza *de quo* huma *self-explanatory,* l-*Important Notes,* annessi mal-*Bonus Statements* mahruga kull sena kif ukoll il-*media releases* jaghmluha cara li r-rati tal-*bonus* ma kinux garantiti u li kienu jiddependu fuq prestazzjoni tal-investimenti u, ghalhekk, l-investimenti setghu jitilghu jew jinzlu.

Id-differenza bejn il-*maturity value* u dak li qed jippretendi li jircievi l-ilmentatur mhi xejn hlief differenza bejn is-somma stmata fil-*Quotation* originali u l-valur attwali tal-investiment meta mmaturat l-istess polza.

Dan il-valur attwali tal-investiment huwa l-ammont dovut lill-ilmentatur taht il-polza *de quo* u, ghalhekk, is-socjetà esponenti, fil-fatt, hallset dan l-ammont lill-ilmentatur.

F'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi l-polza *de quo,* apparti l-element ta' investiment suggett principali ta' din il-vertenza, kellha wkoll tkopri r-riskju tal-mewt tal-assikurat/i matul il-kors tal-perjodu tal-istess polza, liema kopertura ovvjament ghandha prezz u liema prezz qed jigi totalment injorat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu. L-ghan tal-polza in kwistjoni kien li jipprovdi '*a medium-term tax efficient investment'*, pagament hieles mit-taxxa meta timmatura l-polza u beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt qabel il-maturità tal-polza. L-uniku ammont li kien garantit kien is-*sum assured* li fil-kaz ta' din il-polza kien l-ammont ta' Euro10,307.48 (Lm4,425).

Fil-fatt, il-kuntratt tal-polza in kwistjoni (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MSV14, li jinkludi wkoll il-*Life Policy Schedule*) jghid b'mod car illi,

'*The* ***COMPANY HEREBY AGREES to pay the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account (if any)*** (emfasi mizjud) *and/or the specified additional benefits (if any) to the Payee named in the Schedule on the happening of the Event Assured Against subject to the payment to the Company of the Premiums detailed in the Schedule in the manner specified therein and to the proper observance of the terms and conditions of this contract.'*

Dan juri illi s-socjetà esponenti ottemporat mal-obbligi kuntrattwali taghha ghax lahqet l-ghanijiet tal-polza in kwistjoni meta l-istess polza lahqet *maturity value* fl-ammont ta' Euro20,203,41.

Ghalhekk, minkejja t-tnaqqis recenti fir-rati tal-*bonus* matul iz-zmien xorta wahda l-polza in kwistjoni kienet investiment siewi ghaliex minbarra l-'*Maturity Value'* hieles mit-taxxa, il-polza ipprovdiet ukoll kopertura fuq il-hajja li mhux generalment disponibbli taht forom ohra ta' tfaddil regolari.

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur qed jaghmel talba sabiex jithallas is-somma li qieghed jallega li giet imwieghda lilu 25 sena ilu, u *cioè*, l-ammont ta' Euro40,165 (ekwivalenti ghal Lm17,243) u peress li hu digà rcieva l-ammont ta' Euro20,203.43, kif digà gie spjegat hawn fuq, hu qed jitlob li baqalu jircievi l-ammont ta' Euro19,965 sabiex ikun sodisfatt. L-ilmentatur jallega illi kien hemm *misselling* fil-mument tal-bejgh tal-polza *da parti* tas-socjetà esponenti minhabba illi mal-immaturar tal-polza, huwa ma rceviex dak l-ammont li kien qed jistenna u li r-rapprezentant tas-socjetà esponenti, is-Sur John Degiorgio, urieh biss figuri sbieh u attraenti filwaqt li ma semmielu xejn negattiv. L-ilmentatur jallega wkoll li kien hemm *misselling* fil-mument tal-bejgh tal-polza *da parti* tas-socjetà esponenti ghax ir-rapprezentant tal-MSV ma nfurmahx li Lm12 mill-ammont tal-*premium* dovut minnu kull sena ta' Lm200 kienu ser jinzammu bhala *administration fees*.

Is-socjetà esponenti  hija tal-umli fehma illi dawn l-allegazzjonijiet huma ghal kollox infondati ghax il-figuri kkwotati lilu kienu ibbazati fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi ta' dak iz-zmien, kif digà gie spjegat ampjament hawn fuq.

Barra minn hekk, is-socjetà esponenti ma tistax tifhem minn fejn l-ilmentatur gab il-figura ta' Lm12 ghax, *semmai,* l-ammont korrett huwa ta' Lm7.51, u dan johrog ukoll car mill-*Policy Schedule* hawn annessa mad-Dok. MSV14, li tghid illi '*In respect of each premium paid,* ***Lm192.49*** *shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which may be declared by the Company from time to time.'*

L-ilmentatur jallega wkoll illi hu ma kienx jaf b'dawn l-*administration fees* izda, mbaghad, fl-istess hin jghid illi hu kien ghamel ilment dwarhom mas-socjetà esponenti. Huwa car illi l-investiment tal-ilmentatur ma marx kif kien qed jispera, però, ma jfissirx li kien hemm *misselling da parti* tas-socjetà esponenti. Is-socjetà esponenti tista' tifhem id-dizappunt tal-ilmentatur, imma fl-istess hin ma jidhrilhiex li huwa xieraq illi ghaliex sempliciment l-investiment ma marx tajjeb daqskemm xtaq hu, ghar-ragunijiet spjegati ampjament hawn fuq, jaghmel insinwazzjonijiet bla bazi u fiergha bhalma saru fl-ilment.

4. Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq illi l-bejgh tal-polza in kwistjoni sar *ai termini* ta' prassi u regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni u, *cioè,* f'Jannar tas-sena 1994. Illi, ghalhekk, id-dokumentazzjoni li giet pprezentata lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgh tal-polza kienet dokumentazzjoni ufficjali addottata mis-socjetà esponenti dak iz-zmien u li kienet *ai termini* tal-ligijiet u r-regolamenti ezistenti dak iz-zmien. Fil-fatt, qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni, l-ilmentatur gie pprezentat bl-Avviz Statutorju mahrug skont il-provvediment tar-regolamenti tal-1989 dwar l-Assikurazzjoni fuq il-Hajja (Avviz Statutorju) (Avviz Legali 129 tas-sena 1989) kif is-socjetà esponenti kienet rikjesta li taghmel mil-ligi fil-mument tal-konkluzjoni tal-polza liema Avviz gie iffirmat mill-ilmentatur stess. L-Avviz in kwistjoni kien jinkludi diversi drittijiet, fosthom, id-dritt li jahsibha mill-gdid u, jekk ikun jixtieq, jerga' lura min-negozju fi zmien 15-il jum minn meta jinghata dan l-Avviz. Dan l-Avviz kien mahsub sabiex proprju jigu evitati xi okkazjonijiet fejn ikun sar xi pressjoni jew ghal kwalsiasi raguni d-detentur ikun irid jerga' jahsibha jew iregga' lura d-decizjoni tieghu. Jidher b'mod car illi l-ilmentatur m'ezercita l-ebda dritt ikkomunikat lilu f'dan l-Avviz, tant li, mbaghad, intrabat minn jeddu bil-kuntratti in kwistjoni. Kopja ta' dan l-Avviz qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. MSV 15.

5. *In oltre*, is-socjetà esponenti tixtieq tispjega illi l-polza in kwistjoni mhijiex tip ta' polza kumplessa jew li ghandha karatteristici strambi. Difatti hija tip ta' polza li kienet ilha tinbiegh mid-dittet tal-assikurazzjoni kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta ghal zmien twil hafna. Fis-settur tal-assikurazzjoni, bhalma wiehed jista' facilment jimmagina, sar hafna zvilupp fil-prodotti jew ahjar fis-servizzi mibjugha. Dan l-izvilupp hafna drabi jiehu xejra illi l-istess prodotti jew servizzi jsiru izjed sofistikati u xi minn daqqiet aktar komplikati. Jinghad ukoll illi dan m'huwiex il-kaz fir-rigward ta' din il-polza. Fil-fatt, il-polza in kwistjoni kienet intiza biex tinbiegh lil individwi bhalma huwa s-Sur CD u, ghalhekk, is-socjetà esponenti ma kinetx ipprojbita milli tbiegh il-polza in kwistjoni lis-Sur CD. F'dan il-kuntest, issir referenza ghall-*proposal form* tas-Sur CD illi tghid illi meta s-Sur CD kien xtara l-polza in kwistjoni, huwa kien ghalliem fil-*Junior Lyceum* tal-Imriehel. Kopja tal-*proposal form,* iffirmata mis-Sur CD, hija

hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MSV 16. Tenut kont tal-professjoni tas-Sur CD, jirrifletti illi s-Sur CD kellu livell ta' intelligenza bizzejjed sabiex jifhem il-prodott li kien qed jixtri u sabiex jaghmel mistoqsijiet dwar l-istess fejn ma jifhimx u jaghmilx assunzjonijiet dwar **il-*maturity value* li finalment digà thallas lilu.**

6. Finalment, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq ghall-ahhar darba illi hija qatt, fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt relattiv u, *cioè,* fir-rigward tal-polza bin-numri 8275, ma kienet inadempjenti jew agixxiet b'mod qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; u ma zgwidatx lill-ilmentatur fl-ebda stadju; u, ghalhekk, m'ghandhiex tkun ordnata sabiex thallas kumpens u interessi lill-ilmentatur jew spejjez ta' din il-procedura li saret inutilment mill-ilmentatur, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjonijiet ta' dan l-ilment.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**:

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

It-tieni eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Arbitru hija bbazata fuq l-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-ligijiet ta' Malta, fis sens li galadarba l-polza in kwistjoni inbieghet fl-1994, u jidher li hemm vertenza dwar l-imgiba tal-provditur tas-servizz fil-mument tal-bejgh, ghalhekk l-Arbitru m'ghandux kompetenza ghaliex il-kompetenza tal-Arbitru tmur lura sa l-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara.

Dwar din l-eccezzjoni l-Arbitru jinnota li l-provditur tas-servizz jaghmel biss referenza ghall-Artikolu 21(1)(b) izda dan il-kaz ma jinkwadrax ruhu biss f' dan is-subartikolu. Dwar kompetenza tal-Arbitru, il-legizlatur ipprovda wkoll fis-subartikolu '1(c)' u '1(d)' tal-istess Artikolu 21.

Perezempju, fl-Artikolu 21(1)(c), il-Kap. 555 jipprovdi sitwazzjoni fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun kompletament sehhet wara d-dhul fis-sehh tal-Kap. 555 u, f'dak il-kaz, l-ilmentatur irid ikun ressaq l-ilment mal-provditur tas-

servizz sa zmien sentejn minn meta seta' jinduna bl-imgiba tal-provditur tas-servizz.

Izda l-legizlatur jikkontempla wkoll it-tielet xenarju fejn l-imgiba tal-provditur tas-servizz tkun wahda kontinwata.

Fil-fatt, l-Artikolu 21(1)(d) jipprovdi dan li gej:

*'Ghall-fini ta' dan is-subartikolu, imgiba li tkompli fix-xorta ghandha tigi prezunta li tkun sehhet fiz-zmien meta tkun waqfet, u imgiba li tkun tikkonsisti minn serje ta'atti jew ommissjonijiet ghandha tigi prezunta li tkun sehhet meta l-ahhar minn dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu sehhu'.*

F'dan il-kaz, l-ilmentatur qed jissottometti li filwaqt li kien qed isir il-bejgh huwa gie imwiegheđ somma partikolari, izda l-provditur tas-servizz naqsu wkoll, jekk mhux l-aktar, meta ma zammx kelmtu u offrielu somma ferm inferjuri fid-data tal-maturità, jigifieri fis-17 ta' Jannar 2019.[1] Dan ifisser li n-nuqqas *o meno* tal-provditur tas-servizz kien wiehed kostanti u, filwaqt li kien hemm nuqqas waqt il-bejgh tal-polza, il-qofol tal-imgiba tal-provditur tas-servizz sehhet fid-data tal-maturità tal-polza, jigifieri fis-17 ta' Jannar 2019 meta l-ilmentatur gie offrut somma anqas minn dak imwiegheđ.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell[2] f'kazi simili hafna ghal dak odjern, l-effett tal-polza kien kontinwat u l-provditur tas-servizz naqas meta biegh il-polza ghal ragunijiet li ser jigu spjegati aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni; u naqas l-aktar fid-data tal-maturità tal-polza fl-2019 meta kien digà fis-sehh il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-kumplament, l-Arbitru jaghmel tieghu l-argumenti tal-Qorti tal-Appell fis-sentenzi msemmija f'dan ir-rigward.

Ghalhekk, l-Artikolu 21(1)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax u l-Arbitru ghandu l-kompetenza li jiddeciedi dan l-ilment**.**

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

---

[1] *A fol.* 8

[2] *Tarcisio Tabone vs MAPFRE MSV Life plc*, deciza 6 ta' Mejju 2019; *Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life plc*, deciza fil-25 ta' Marzu 2019

[3] Kap. 555, Art. 19(2)(b)

L-ilment ewlieni tal-ilmentatur hu l-fatt li meta giet mibjugha l-polza lilu, hu gie muri lista ta’ figuri li turi li jekk jinvesti Lm200 fis-sena, wara hamsa u ghoxrin sena jiehu s-somma ta’ Lm17,243. Izda, minkejja dan, meta immaturat il-polza, hu rcieva biss madwar €20,000 (Lm8,000), liema figura qatt ma dehret fil-lista imsemmija.

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz jghid li s-somma li giet indikata lill-ilmentatur kienet biss stima ibbazata fuq ir-rati ta’ qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien, jigifieri li l-figuri kkwotati ma kinux ammonti garantiti imma “*Estimated Maturity Values”* hekk kif indikat fil-*Life Assurance Quotation,* liema figuri kienu ibbazati fuq il-kundizzjonijiet ta’ investiment u c-cirkostanzi ta’ dak iz-zmien, u dan ghaliex l-aktar fattur importanti li jaffettwa r-rati tal-*bonus* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti fejn, ghalhekk, l-ebda ammont ma kien garantit hlief is-*Sum Assured*.

Minbarra l-kliem *Estimated Maturity Value* u *Illustration* uzati fil-*Quotation,* il-provditur tas-servizz stqarr li l-*Important Notes* annessi mal-*Bonus Statements,* kif ukoll il-*Media Releases,* jaghmluha cara li r-rati tal-*bonus* ma kinux garantiti u li kienu jiddependu fuq prestazzjoni tal-investimenti u, ghalhekk, l-investimenti setghu jitilghu jew jinzlu. Dan minbarra l-fatt li tenut kont tal-professjoni tal-ilmentatur jirrifletti li dan tal-ahhar kellu livell ta’ intelligenza bizzejjed sabiex jifhem il-prodott li kien qed jixtri u sabiex jaghmel mistoqsijiet dwar l-istess fejn ma jifhimx u ma jaghmilx assunzjonijiet dwar il-*maturity value* li finalment digà thallas lilu.

**Huwa car li l-ilmentatur qed iressaq l-ilment a bazi tal-fatt li meta giet mibjugha l-polza lilu, hu bena certu aspettattivi li, izda, fid-data tal-maturità gie offrut ammont inqas**.

Huwa jsostni li zamm mal-obbligazzjoni li jhallas il-*premium* dejjem u ghas-snin kollha u l-provditur tas-servizz ma kienx zamm il-weghda tieghu fid-data tal-bejgh.

Biex jasal ghad-decizjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli, l-Arbitru jrid jara xi provi tressqu quddiemu.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur***

Fix-xhieda[4] tieghu, l-ilmentatur stqarr li hamsa u ghoxrin sena ilu ghamel kuntatt mieghu John Degiorgio, rapprezentant tal-provditur tas-servizz, fejn kien qallu bil-polza u biex imur ikellmu d-dar u ghal dan ghamlu appuntament.

Jghid li dak iz-zmien, hu u l-mara kienu ghadhom jibdew il-hajja taz-zwieg u ma kinux jifhmu f'dawn l-affarijiet. John Degiorgio mar id-dar tal-ilmentatur fejn spjega kif jahdmu dawn l-affarijiet u anke fuq is-somma. L-ilmentatur stqarr li s-somma kienet sabiha ghax intqal lilhom li jekk, perezempju, jinvesti Lm200 fis-sena tinghata somma sabiha. Hu gie moghti dokument bil-figuri hekk kif ikkwotati mir-rapprezentant.

Sostna li huma fdawh bhala rapprezentant u interessaw ruhhom u, ghalhekk, qablu li jiehdu l-polza. Qal li dwar is-somma, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz spjega li wara l-ewwel sena ma jiehdu xejn u, mbaghad, wara certu zmien, ezempju, wara hames jew seba' snin, jekk jigi nieqes hu, martu tiehu somma. Qal li dak iz-zmien, martu ma kinitx tahdem u haseb li, ghalhekk, jekk jigi nieqes hu, hi jkollha xi haga.

L-ilmentatur stqarr li kien intqal lilhom li s-somma tibqa' tizdied, u wara hamsa u ghoxrin sena kellhom jiehdu s-somma finali ta' Lm17,243. L-idea ghogbithom peress li din kienet somma sabiha, izda, meta ghalqu dawn il-hamsa u ghoxrin sena, ma gewx moghtija dik is-somma izda gew offruti biss madwar €20,000.

Meta mistoqsi dwar il-*Quotation* (DOK MSV4)[5] ufficjali mahruga mill-provditur tas-servizz, l-ilmentatur qal li dan id-dokument kien hareg wara li kien mar id-dar tieghu ir-rapprezentant fejn kien tah l-lista[6] bil-figuri li qieghed kontinwament jaghmel referenza ghaliha. Stqarr li hu kien qaghad fuq li qallu r-rapprezentant a bazi ta' dan id-dokument tal-ahhar, li jekk jinvesti Lm200 fis-sena, kien jinghata s-somma skont il-lista. Dan filwaqt li qal li lanqas biss kien intqal lilu li kull sena kien hemm *administration charge* u dan skoprieh matul iz-zmien.

L-ilmentatur ammetta li kien issa, jigifieri wara hamsa u ghoxrin sena, li hu u martu irrealizzaw li meta ltaqa' maghhom John Degiorgio, pinga biss il-parti s-sabiha tal-polza, ghax huma kien minghalihom li skont id-dokument mghoddi

[4] *A fol.* 87
[5] *A fol.* 47
[6] *A fol.* 30

lilhom, fl-ahhar kienu ser jinghataw is-somma ta’ Lm17,243. Stqarr li mar xi tlieta jew erba’ darbiet jiccekkja mal-provditur tas-servizz, izda qal li mhux talli ma qalulux li ma kienx ser jiehu dik is-somma, izda assigurawh li din titla’ fl-ahhar u jiehu s-somma indikata lilu.

Dwar il-*Guaranteed Sum Assured* ta’ Lm4,425, l-ilmentatur stqarr li intqal lilu li dawk jinghataw f’kaz li jigi nieqes hu, izda indika li zgur li gew imweghdin aktar minn hekk, ghax ma jaghmilx sens li huma jinvestu Lm5,000 biex wara hamsa u ghoxrin sena jiehdu Lm4,425.

Barra minn hekk, dwar is-somma ta’ Lm12,540 indikata bhala *Maturity Value excluding Terminal Bonus*, intqal lilhom li jehduha jekk jieqfu qabel, izda l-kolonna l-ohra fejn hemm is-Lm17,243, jehduha jekk jibqghu sal-ahhar: fi ftit kliem, wahda jekk jieqfu qabel u l-ohra jekk jibqghu sal-ahhar.

Qal li meta ha l-polza, hu kien ghalliem tal-Ingliz u baqa’ f’din il-linja ta’ xoghol li m’ghandux x’jaqsam mas-servizzi finanzjarji, filwaqt li stqarr li minkejja li hu ha l-flus offruti lilu mill-provditur tas-servizz, dawn hadhom taht protesta b’ittra tal-avukat minhabba li hu kien qed jistenna s-somma mwieghda lilu.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz ressaq zewg *affidavits,* wiehed ta’ Victor Farrugia, *Chief Operations Officer*, u l-iehor ta’ John Degiorgio, *Tied Insurance Intermediary* tal-provditur tas-servizz u li kien il-persuna li biegh il-polza in kwistjoni lill-ilmentatur.

L-*affidavit*[7] ta’ Victor Farrugia huwa fil-qofol tieghu dak li l-provditur tas-servizz digà inkluda fir-twegiba tieghu ghall-ilment.

Huwa enfasizza fuq il-fatt li l-provditur tas-servizz kien ghamilha cara mill-bidu nett mal-ilmentatur illi l-*maturity value* tal-polza in kwistjoni ma kienx garantit imma kien biss stima u li s-*sum assured* biss kien garantit. Sostna li l-provditur tas-servizz bl-ebda mod ma ggarantixxa lill-ilmentatur li mal-immaturar tal-polza hu kien ser jircievi l-ammont ta’ €29,210, li kien jirrapprezenta l-*estimated maturity value including reversionary bonus* jew l-ammont ta’ €40,165, li kien jirrapprezenta l-*estimated maturity value including reversionary and terminal*

[7] *A fol.* 95

*bonuses,* ghax dak l-ammont kien biss stima u l-*bonuses* setghu ma gewx iddikjarati matul is-snin.

Victor Farrugia spjega wkoll li waqt li l-polza ilmentata kienet fis-sehh, l-ilmentatur investa l-ammont shih ta' €11,646.75 (u dan mhux f'daqqa imma bil-mod il-mod tul il-perjodu ta' 25 sena) u, ghalhekk, huwa car illi l-polza xorta wahda irrendiet dhul tajjeb meta ipparagonata ma' investimenti ohra.

Barra minn hekk, fost affarijiet ohra, Farrugia stqarr li minkejja li l-ilmentatur gie pprezentat bl-Avviz Statutorju, hu ma ta l-ebda notifika ta' thassir jew hsieb mill-gdid dwar l-istess kuntratt u, fil-fatt, intrabat minn jeddu bil-kuntratt in kwistjoni.

Fl-*affidavit*[8] tieghu, John Degiorgio, stqarr li ilu mis-sena 1993 jagixxi bhala *tied insurance intermediary* tal-provditur tas-servizz u dejjem jattendi ghat-*training* relatat mal-pozizzjoni tieghu offrut mill-istess provditur tas-servizz, u dan filwaqt li iddikjara li hu dejjem jagixxi taht l-istruzzjonijiet tal-MSV u ta' hadd aktar.

Degiorgio indika li jiftakar li l-ewwel kuntatt bit-telefon li ghamel mal-ilmentatur kien fil-15 ta' Dicembru 1993, bejn 12.45 p.m. u 1.15 p.m., sabiex jiffissa appuntament mieghu, fejn l-ilmentatur talbu biex jerga' jcempillu dakinhar stess ghall-habta tat-3.30 p.m. L-ewwel darba li ltaqa' mal-ilmentatur kien fit-28 ta' Dicembru 1993 fit-8.30 a.m. fid-dar tieghu stess, fejn din il-laqgha hadet madwar siegha jew siegha u nofs minhabba li jippreferi jispjega fid-dettall il-vantaggi tal-iskema u wisq aktar ir-rabtiet li fiha l-istess skema.

Stqarr li bhala intermedjarju, rari ferm kien ibiegh il-polza mal-ewwel appuntament ghax dejjem kien, u ghadu sal-lum, jaghti lill-klijent bejn gimgha u gimaghtejn cans biex ikun jista' jahsibha u jiddeciedi ahjar jekk il-polza tapplikax ghalih jew le. Fil-bidu ta' Jannar, rega' ghamel kuntatt mal-ilmentatur sabiex jistaqsih jekk iddecidiex li jibda l-iskema li kien spjegalu, u regghu iltaqghu fis-6 ta' Jannar sabiex jimlew il-*proposal form.* Sussegwentement, regghu iltaqghu biex l-intermedjarju gabar l-ewwel *premium*.

John Degiorgio qal li, b'kollox, iltaqa' mal-ilmentatur tliet darbiet fir-residenza tieghu - l-ewwel darba mar biex jispjegalu l-polza kif tahdem, it-tieni darba sabiex mela l-*proposal form*, u t-tielet darba biex jigbor il-*premium* u, ghalhekk,

---

[8] *A fol.* 92

dan huwa car li l-ilmentatur gie moghti cans sew biex jahsibha u ma saret l-ebda pressjoni zejda fuqu biex jiehu decizjonijiet ta' malajr. Barra minn hekk, qal li jiftakar ukoll li l-ilmentatur kien ghamillu numru ta' mistoqsijiet u li ghalihom tah l-informazzjoni necessarja.

Stqarr ukoll li dak iz-zmien kienu juzaw ir-*ratebook* u kien jispjega lill-klijenti tieghu illi l-hlas tal-*premium* kien jinkludi kollox fih, inkluz kemm l-*administration fees* kif ukoll riserva ghall-assikurazzjoni fuq il-hajja. Kien jispjega ukoll li r-rata ta' qligh kienet ta' 6.75% u li dan il-percentagg kien mahdum fuq il-figuri kurrenti, jigifieri, ta' dak iz-zmien, u dan filwaqt li sahaq li hu zgur qatt ma qal, la lill-ilmentatur u lanqas lill-klijenti l-ohra tieghu, li l-figuri indikati fil-kwotazzjoni bhala *Estimated Maturity Values* kienu garantiti mija fil-mija ghax ir-rati ta' qligh setghu jinbidlu. Dan filwaqt li kien jishaq maghhom li r-rikavat tal-polza ma kienx taxxabbli skont il-legislazzjoni ta' dak iz-zmien.

Sostna ukoll li kien jispjega li s-*sum assured* indikat fil-kwotazzjoni kien ammont garantit u li dan kien jirrapprezenta l-*minimum maturity value,* fejn ukoll li kieku d-detentur tal-polza kellu jmut waqt it-terminu tal-polza, sahansitra mill-ewwel jum li tkun harget il-polza, il-werrieta kellhom id-dritt li jithallsu l-ammont kollu tas-*sum assured* bhala *minimum*.

Kien jispjega ukoll li dak li kien garantit, apparti s-*sum assured*, kien dak l-ammont iddikjarat u indikat mill-MSV fl-i*statements* li kienu jintbaghtu, liema *statements* kienu jindikaw fid-dettall l-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza filwaqt li jipprovdu l-valur attwali tal-polza. Xehed ukoll li hu ma jidhirlux li l-ilmentatur qatt xi darba talbu *revised estimated maturity values* meta kien qieghed jircievi dawn l-i*statements.*

B'referenza ghad-dokument ipprezentat mill-ilmentatur li fuqu ibbaza d-decizjoni tieghu,[9] John Degiorgio spjega li f'dak iz-zmien li harget il-polza lill-ilmentatur, ir-*rate book* ma kienx johrog kwotazzjoni formali u, allura, kienu jahdmu bi programm ta' *Excel*; izda hu perswaz li madanakollu, l-ilmentatur imbaghad ircieva l-kwotazzjoni formali fejn it-terminu '*estimated'* kien indikat bl-aktar mod car. Stqarr li, barra minn hekk, kien dejjem jinforma lill-klijenti tieghu li l-kwotazzjoni formali kellha precedent fuq id-dokument mahrug bl-

[9] *A fol.* 30

*Excel,* izda qal ukoll li l-ammonti indikati fuq il-kwotazzjoni formali huma l-istess bhal dawk li hemm indikati fuq *fol.* 30.

Sostna wkoll li, apparti l-aspetti pozittivi tal-polza, hu kien jispjega wkoll lill-klijenti tieghu l-aspetti rigidi tal-iskema, u dan biex wiehed jirrealizza r-rabta li jkun diehel ghaliha u jkollu l-aspetti kollha quddiem ghajnejh qabel jiddeciedi. Hu kkonferma li kien jinforma lill-klijenti tieghu li l-uniku zvantagg ta' din il-polza kien li jekk il-klijent jiddeciedi li jwaqqaf il-polza fl-ewwel tliet snin, hu kien jitlef kollox u ma jithallas l-ebda ammont, filwaqt li jekk jiddeciedi li jaghmel dan bejn ir-raba' u s-seba' sena tal-polza, kien jiehu anqas milli jkun investa bhala *premium*.

Izda, jekk imbaghad, jiddeciedi li jwaqqaf il-polza wara s-seba' sena, il-klijent seta' jiehu flusu lura imma qatt ma seta' jiehu l-*policy account* kollu. Ghalhekk, kien jenfasizza fuq l-importanza tal-ewwel seba' snin tal-polza kif ukoll li jkun ghaqli li l-iskema tinzamm sal-maturità taghha; u meta wiehed jigi dahru mal-hajt, jista' jaghmel il-polza *paid up* u jqabbel dan ma' xi hadd li jiffriza l-assi tieghu biex ma jitlifx dak li jkun investa.

**Konsiderazzjonijiet Ohra**

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur qed iressaq zewg punti partikolari fejn, fi ftit kliem, qed jishaq li kien hemm *mis-selling* tal-polza in kwistjoni ghal zewg ragunijiet. L-ewwel minhabba l-fatt li s-somma li gie imwieghed qabel inbieghet lilu l-polza qatt ma thallset, u t-tieni minhabba l-fatt li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz qatt ma nfurmah li Lm12 minn kull Lm200 li kien ihallas fi *premium* kienu qed jinzammu bhala *administration fees*.

Dwar l-ahhar punt, l-Arbitru jinnota li, minkejja li l-ilmentatur qed jinsisti li hu qatt ma gie nfurmat li mill-*premium* ta' Lm200, kienu qed jigu mnaqqsa Lm12, ma giet ipprezentata l-ebda prova ta' din it-Lm12, filwaqt li lanqas tirrizulta mid-dokumenti esebiti.

Il-*Policy Schedule*[10] tindika li:

[10] *A fol.* 13

'*In respect of each premium paid, Lm192.49 shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which may be declared by the Company from time to time.'*

Dan juri bic-car li l-ammont li kien qed jigi mnaqqas minn kull *premium* ma kienx ta' Lm12, kif qed isostni l-ilmentatur, izda kien ta' Lm7.51.

L-Arbitru mhux ser jidhol fil-mertu ta' dan l-istess ammont x'kien jirrapprezenta, izda ma jistax ma jsemmix il-fatt li, kif anke iddikjara l-provditur tas-servizz innifsu, il-polza ilmentata ghandha karatteristika principali, li hi l-assikurazzjoni fuq il-hajja, u li din ukoll ghandha prezz.

Izda, l-Arbitru ma jistax ma jinnotax il-fatt li fid-dokument[11] moghti lill-ilmentatur meta saret l-ewwel laqgha bejnu u bejn ir-rapprezentant tal-assikurazzjoni, (li kien id-dokument li l-ilmentatur ibbaza d-decizjoni tieghu fuqu), dan ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn *total premium* u *investment premium*.

Minkejja li din id-distinzjoni issir fuq il-*Policy Schedule*, meta jinhareg dan id-dokument, id-decizjoni dwar jekk jixtrix il-polza jew le, kienet digà ittiehdet mill-ilmentatur. It-tabella[12] moghtija lill-ilmentatur taghti l-impressjoni li l-ammont kollu mhallas minnu, jigifieri Lm200, kien qed jigi mfaddal fit-totalità tieghu.

Hawn l-Arbitru mhux qed jikkontesta l-fatt dwar jekk kellux jonqos xi ammont mill-*premium* li kien jithallas mill-ilmentatur jew le, izda jhoss li kien ikun gust fil-konfront tal-ilmentatur li, mill-bidu nett, kellu jinghata stampa cara u korretta dwar x'ser jigri mill-*premium* li hu kien ser ihallas u, ghalkemm l-ammonti mhumiex kbar, xorta wahda r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kellu jaghti stampa cara dwar dan lill-ilmentatur. It-tabella moghtija lill-ilmentatur kellha tinkludi referenza ghal dan l-ammont li kien qed jigi mnaqqas kull sena.

B'danakollu, l-Arbitru jifhem li certu *administration charges* li jkunu ragonevoli bhal f'dan il-kaz huma gustifikati ghaliex l-ebda kumpanija ma tista' topera minghajr ma timponi certu *charges* mehtiega ghall-amministrazzjoni tal-kumpanija u, ghalhekk, mhu dovut l-ebda *refund* dwar dan.

---

[11] *Ibid.*
[12] *A fol.* 30

Il-punt krucjali f'dan l-ilment jittratta l-istampa li giet murija lill-ilmentatur fil-mument tal-bejgh u l-eventwali aspettattivi li hu bena a bazi ta' dan kollu. L-ilmentatur ihoss li l-polza ma nbieghitlux tajjeb minhabba li s-somma li giet mwieghda lilu fil-mument tal-bejgh, eventwalment, qatt ma giet imhallsa lilu.

Ghaldaqstant, l-Arbitru jrid imur ghall-waqt li kienet qed tinbiegh din il-polza, x'gie mwieghed lill-ilmentatur u, fil-fatt, x'inghata wara.

Victor Farrugia xehed b'mod li donnu kien prezenti waqt il-bejgh ta' din il-polza ghaliex jghid x'ghamel il-provditur tas-servizz u dwar xiex intrabat u ma ntrabatx meta hu ma kienx prezenti waqt il-bejgh. Hemm distinzjoni cara dwar dak li tkun qed tifhem il-kumpanija u dwar dak li jinghad mir-rapprezentanti taghha waqt il-bejgh. Ghalhekk, ix-xhieda ta' Victor Farrugia ma tindirizzax x'sar *de facto* waqt il-bejgh, u m'hijiex l-aktar xhieda li ghandha tkun deciziva f'dan il-kaz.

L-Arbitru mhuwiex qed jintalab jghaddi gudizzju fuq l-operat generali tal-provditur tas-servizz, u lanqas huwa l-kaz li din id-decizjoni hi dwar ir-reputazzjoni tal-istess provditur tas-servizz, izda dwar kif inbiegh prodott partikolari lil persuna partikolari, u jekk dak li gie mwieghed, fil-fatt, inghatax. Ix-xhieda l-aktar relevanti min-naha tal-provditur tas-servizz hija dik ta' John Degiorgio li biegh il-prodott.

L-Arbitru jrid jara kif sar il-bejgh tal-prodott u jara jekk lahaqx *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*[13]

L-ilmentatur qed jibbaza l-ilment tieghu partikolarment fuq dokument li hu qed jirreferi ghalih bhala l-'*lista*'[14] li kienet giet moghtija lilu mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

Hu qal:

*'Jien kont qghadt fuq li qalilna hu li jekk ninvestu kull darba Lm200, imbaghad, ninghataw is-somma skont il-lista.'*[15]

Kompla billi qal:

[13] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[14] *A fol.* 30
[15] *A fol.* 88a

*'Nghid li s-somma ta' Lm12,540 Maturity excluding Terminal Bonus qalilna jekk nieqfu qabel, però, il-kolonna l-ohra fejn hemm is-Lm17,243, dik nehduha jekk nibqghu sal-ahhar u nghid li ahna bqajna sal-ahhar. Wahda jekk nieqaf qabel u l-ohra jekk nibqa' sal-ahhar.'*[16]

Mill-banda l-ohra, John Degiorgio jghid li:

*'... dak iz-zmien ahna konna nuzaw ir-rate book u kont nispjega lill-klijenti tieghi illi l-hlas tal-premium kien jinkludi kollox fih, inkluz kemm l-administration fees kif ukoll riserva ghall-assikurazzjoni fuq il-hajja. Dak iz-zmien ta' meta nbieghet il-polza lis-Sur CD kont nispjega li r-rata ta' qligh kienet ta' 6.75% u li dan il-persentagg kien mahdum fuq il-figuri kurrenti, jigifieri ta' dak iz-zmien. Nikkonferma li zgur qatt ma ghidt la lis-Sur CD u lanqas lill-klijenti l-ohra tieghi li l-figuri indikati fuq il-kwotazzjoni bhala Estimated Maturity Values kienu garantiti mija fil-mija ghax ir-rati ta' qligh setghu jinbidlu.'*[17]

Izda, ta' min isemmi li d-dokument li l-ilmentatur qed jirreferi ghalih bhala l-lista,[18] u li Degiorgio qed jaghmel referenza ghalih bhala JD1,[19] kien l-uniku dokument li gie moghti lill-ilmentatur **qabel** hu iddecieda li jixtri l-polza offruta lilu.

Wiehed jista' facilment jinnota li fl-ebda hin ma giet inkluza l-kelma *estimate* jew *estimated maturity values*, allura, l-argument tar-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, li hu qatt ma qal lill-ilmentatur li l-figuri indikati bhala *Estimated Maturity Value*s kienu garantiti mija fil-mija, ma jregix.

L-ewwel nett, dan ghaliex il-kliem *Estimated Maturity Value ma* jidhrux f'din il-lista izda jidhru biss fil-kwotazzjoni ufficjali mahruga mill-provditur tas-servizz li, kif anke ikkonferma l-ilmentatur innifsu, *'dan id-dokument hareg wara li gie ghandna r-rapprezentant tal-Middlesea u tana l-lista bil-figuri f'DOK AF',*[20] u, barra minn hekk, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz qal li *'... jiena perswaz li s-Sur CD mbaghad ircieva l-kwotazzjoni formali fejn it-terminu "estimated" kien indikat bl-aktar mod car.'*[21]

---

[16] *Ibid.*
[17] *A fol.* 92
[18] *A fol.* 30
[19] *A fol.* 94
[20] *A fol.* 88a
[21] *A fol.* 93

Huwa Degiorgio stess li, ghalhekk, qed jikkonferma li kien proprju meta rcieva l-kwotazzjoni ufficjali minghand il-provditur tas-servizz li gie indikat lill-ilmentatur li l-figuri huma stima.

John Degiorgio argumenta li l-figuri imnizzla fil-kwotazzjoni ufficjali mahruga mill-provditur tas-servizz huma l-istess bhall-figuri kkwotati minnu stess fil-*'lista ta' figuri'* moghtija lill-ilmentatur. Qal ukoll li kien jinforma lill-klijenti tieghu li l-kwotazzjoni formali kellha precedent fuq dan id-dokument.

Anke jekk ghas-sahha tal-argument ser tigi ikkunsidrata l-kwotazzjoni ufficjali mahruga mill-provditur tas-servizz, f'dan giet uzata il-kelma *'estimated',* dan mhuwiex bizzejjed. Ghalkemm il-provditur tas-servizz jghid li kien hemm id-dokumenti li juru li s-somma kienet '*estimated*', imkien ma ngabet prova tangibbli li s-somom ikkwotati fuq *'il-lista'* gew spjegati b'mod li kien hemm xi ristrezzjoni fuqhom jew li jiddependu minn xi eventwalità li permezz taghha jistghu jigu negattivament effettwati. Anke l-istess lista ma kellha l-ebda *disclaimer* fuqha, izda jidher car li din kienet issir bhala l-ahjar *'point of sale'* tal-polza biex thajjar lil dak li jkun jixtriha.

Ukoll, mid-dokumenti kollha li gew esebiti, ma jirrizulta fl-ebda hin li l-ilmentatur gie moghti spjegazzjoni dettaljata fuq xiex kienu jiddependu dawn il-figuri.

Barra minn hekk, minkejja li giet uzata l-kelma *'estimate'*, dan ma jfissirx li kellha issir stima kif gieb u lahaq. Wiehed japprezza li stima ma tfissirx somma preciza, izda wisq anqas tfisser hlas ta' ammont li huwa ferm anqas minn dik imsemmija. Stima taghtik certi aspettattivi li ghalkemm ma jkunux precizi, huma indikattivi li jqarrbu lejn xi haga reali li tixbahha. Stima mhix lotterija.

Fil-kontroezami tieghu, kien John Degiorgio innifsu li qal:

*'Nghid li dawn is-Lm17,243 kienu mahduma bis-6.75%. Nghid li l-istima kienet mahduma fuq 6.75% fis-sena. Nghid li dawn l-ammonti qatt ma ggarantejthom lill-klijent ghax naf li f'25 sena ma nistax niggarantixxi dak l-ammont.'*[22]

Din l-istqarrija tindika li anke r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz qed jammetti li ma setghet issir l-ebda garanzija fuq l-ammonti minhabba li l-perjodu kien wiehed twil. Izda, minkejja li issa indika li dawn kienu figuri li ma setax

[22] *A fol*. 102

jiggarantixxihom lill-klijenti tieghu, xorta wahda ghazel li jaghti dokument lil klijent prospettiv li, kif digà ntqal, ma jinkludi l-ebda referenza ghall-fatt li dawn il-figuri ma kinux garantiti. Dan ma jhalli l-ebda raguni ghalfejn wiehed ma jahsibx li dawn l-istess figuri kienu qed jigu kkwotati sabiex klijenti jigu mhajra jixtru l-prodott.

Fuq kollox, fejn il-maturità tal-polza tkun 'il boghod hafna mid-data tal-bejgh, bhalma huwa f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz, jew inkella r-rapprezentant tieghu, irid joqghod attent xi stima jaghmel peress li mat-trapass taz-zmien, il-kundizzjonijiet tas-suq jistghu jinbidlu hafna.

Il-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward irreteniet:

*'Fil-fehma tal-Qorti, meta f'kaz simili konsumatur jinghata stima, salv f'kazijiet fejn issir disclaimer specifika, tinholoq aspettattiva fil-konsumatur li bejn wiehed u iehor dak hu l-valur li ser jircievi. F'dan il-kaz, ma saret l-ebda kwalifika jew disclaimer meta l-appell inghata "estimated maturity value" u, ghalhekk, kellu ragun jippretendi li kien sejjer jippercipixxi più o meno dak l-ammont wara 25 sena."*[23]

Dawn il-figuri ikkwotati kienu fattur materjali li fuqu l-ilmentatur ibbaza d-decizjoni tieghu u, ghaldaqstant, kien krucjali li jigi spjegat lilu bl-aktar mod dettaljat, **fil-mument tal-bejgh**, x'kienu jfissru l-ammonti indikati lilu u, fuq kollox, fuq xiex kienu jiddependu. U, aktar minn kollox, li dawn jistghu ivarjaw b'mod konsiderevoli. F'dan ix-xenarju biss l-ilmentatur seta' jiehu decizjoni infurmata jekk jinvestix jew le. Huwa qal li hu u martu kienu qed jikkunsidraw bejn jekk jiehdux il-polza offruta jew inkella jitfghu flushom il-bank; li, izda, skont il-figuri u l-ispjegazzjonijiet moghtija mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, iddecidew li jiehdu l-polza in kwistjoni.

Huwa minnu li gew uzati l-kliem *'estimated maturity value'* fuq il-kwotazzjoni ufficjali, izda, ghal min mhux midhla tas-settur tal-assikurazzjoni, (partikolarment dwar il-mod kif jahdmu dawn it-tip ta' poloz b'element ta' investiment fihom), ma jkunx mistenni li jiddubita dak li jkun intqal lilu waqt il-mument tal-bejgh mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

[23] *Joseph Vella vs. Mapfre MSV Life p.l.c, QA, 25/03/2019*

L-ilmentatur kien konvint minn dak li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien qed joffrilu a bazi tal-*'lista tal-figuri'.*[24] Dan id-dokument jaghmel referenza ghal *Guaranteed Sum Assured*, filwaqt li kien ukoll jinkludi hames kolonni: is-sena, il-*maturity value with terminal bonus*, il-*maturity value excluding terminal bonus*, il-*premium* ghal dik is-sena, u t-total ta' *premium*.

Permezz ta' dan id-dokument, wiehed seta' jara jekk, per ezempju, jkun wasal fl-ghaxar sena, kemm kien ser ikun hallas f'total ta' *premia* u kemm kien ser ikun l-ammont li kien ser ikun intitolat ghalih. L-istampa hekk kif giet impingija lill-ilmentatur, kienet li f'gheluq il-hamsa u ghoxrin sena tal-polza, meta jkun hallas is-somma ta' Lm5,000 fi *premia*, hu kien ser ikun intitolat ghas-somma ta' Lm17,243, li tinkludi t-*terminal bonus;* jew inkella s-somma ta' Lm12,540, li ma tinkludix dan il-*bonus.*

Dan id-dokument ma kien jinkludi l-ebda kelma jew *disclaimer* li permezz taghha l-ilmentatur seta' b'xi mod jew iehor jiddubita minn dak li qed jintqal lilu mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, jew li mal-maturità tal-polza, mhux ser ikunu dawk il-figuri li huma applikabbli.

L-ilmentatur kien konvint li dan id-dokument kien l-istampa kollha tal-polza li kienet qed tigi offruta lilu. Tant hu hekk, li meta, eventwalment, immaturat il-polza, u hu gie offrut is-somma ta' madwar €20,000 (Lm8,000), qal li din il-figura qatt ma dehret fil-*'lista ta' figuri'* li giet moghtija lilu originarjament.

L-Arbitru huwa moralment konvint li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien verament qed jipprova jbiegh il-polza lill-ilmentatur. Il-verzjoni tal-ilmentatur li l-enfasi kienet fuq *'il-lista'* hija aktar konvincenti.

Minkejja li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sostna li hu kien ta cans lill-ilmentatur sabiex jahsibha qabel jiddeciedi, dan tal-ahhar ma kellux wisq ghazliet jew informazzjoni fuq xiex jahseb. L-ilmentatur kien konvint li jekk ihalli l-polza sal-ahhar tat-terminu kien ser jircievi somma partikolari, filwaqt li jekk jiddeciedi li jittermina l-polza qabel iz-zmien, kien ikun qed jircievi ammont li huwa differenti. Barra minn hekk, l-Arbitru huwa konvint li s-somma kkwotata lill-ilmentatur kienet il-punt krucjali li permezz taghha sar il-bejgh ta' din il-polza.

---

[24] *A fol.* 30

Kien ikun aktar gust li kieku meta giet offruta l-polza, l-ilmentatur inghata spjegazzjoni dettaljata tal-mod kif tahdem din l-istess polza. Mhux biss ma kienx korrett li jigi pprezentat b'lista ta' figuri li lanqas biss hemm dikjarat li dawn setghu ivarjaw izda fuq kollox, kellu jinghata spjegazzjoni ghal xiex dawn setghu ivarjaw u x'kienu l-fatturi principali li fuqhom kienet tiddependi s-somma li mal-maturità tal-polza l-ilmentatur seta' kien intitolat ghaliha. Lanqas huwa bizzejjed li fuq dokumenti ohrajn tintuza l-kelma '*estimated'*.

Dan huwa kuntratt ibbazat fuq il-principju ta' *utmost good faith.* Mhuwiex gust li jigi argumentat li minhabba li l-ilmentatur kien ghalliem, dan kellu livell ta' intelligenza bizzejjed sabiex jifhem il-prodott li qed jixtri u sabiex jaghmel il-mistoqsijiet dwar l-istess fejn ma jifhimx. Minkejja li l-ilmentatur kien ghalliem, ma jistax jitqies li hu kien xi espert fil-qasam tal-assikurazzjoni u jifhem il-karatteristici kollha tal-polza li kienet qed tigi offruta lilu.

Peress li l-ilmentatur ma kienx midhla tas-settur tal-assikurazzjoni ma kienx hemm raguni li setghet twasslu li jiddubita dak li ntqal lilu mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

L-argument tal-provditur tas-servizz, li kien ta lill-ilmentatur zmien biex jahsibha, huwa irrelevanti ghal dan il-kaz ghaliex l-ilmentatur mhux qed jikkontesta li ma gewx osservati r-regolamenti dwar il-*cooling-off period*. Lanqas mhu qed jghid li saret xi pressjoni zejda sabiex jixtri l-polza izda li a bazi tal-lista gie indott jixtri l-polza.

L-Arbitru jifhem li *endowment policy* bhal dik ilmentata ghandha tahdem kif gie spjegat fid-dettall minn Victor Farrugia fl-*affidavit* tieghu u, anke kif indika John Degiorgio, jigifieri li s-somma li l-ilmentatur huwa intitolat ghaliha kienet tiddependi fuq l-investiment li ghamlet il-kumpanija, u bl-ebda mod mhu l-Arbitru qed jiddeciedi mod iehor.

Izda, il-kaz li ghandu quddiemu l-Arbitru huwa dak ta' ilmentatur li qed jghid li gie mwieghed mod izda, mbaghad, inghata mod iehor u rrizulta li ma gewx spjegati l-limitazzjonijiet dwar l-istess polza.

Kif digà ntqal, fost il-kriterji li l-Arbitru jrid juza biex jasal ghal decizjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli hemm '*l-aspettattivi ragonevoli*

*u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkun taw lok ghall-ilment.'*[25]

Meta giet offruta l-polza, l-ilmentatur kien ghadu qed jibda l-hajja mizzewga flimkien ma' martu u ghalhekk ma kienux xi nies ta' esperjenza twila, la fil-qasam tal-assikurazzjoni u lanqas f'dak li taghti l-hajja. Huwa ragonevoli dak li qal l-ilmentatur li kien ippjana li wara hamsa u ghoxrin sena kien ser jircievi s-somma indikata lilu; filwaqt li kien serrah mohhu li f'kaz ta' mewt, martu tkun intitolata li tircievi somma minn din l-istess polza.

Flimkien ma' martu kienu ghamlu l-analizi taghhom dwar jekk kienx jaqblilhom li jitfghu flushom il-bank jew inkella jitfghuhomx fil-polza offruta lilhom, izda abbazi tal-informazzjoni li nghatat lilhom, irrizulta li kien jaqblilhom jaghmlu l-polza. L-aktar meta r-*return* fuq il-polza, anke kif ammess mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, kienet qed tigi indikata bhala 6.75%. Dan ovvjament ghollielhom l-aspettattivi taghhom.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien l-espert f'dan il-kaz u, ghaldaqstant, l-obbligu li jaghti l-informazzjoni necessarja lill-ilmentatur kienet fuqu; u ma kien bl-ebda mod mistenni mill-ilmentatur li ghax sempliciment kien ghalliem, jaghmel il-mistoqsijiet li r-rapprezentant jghid li kellu jaghmel.

L-oneru li ssir spjegazzjoni dettaljata, cara u bi kliem li jifhem il-konsumatur jaqa' fuq il-provditur tas-servizz ghaliex hadd daqsu ma jifhem fil-prodott li jkun qed ibiegh u dwar il-limitazzjonijiet tieghu.

**Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

Ghal dak li huwa kumpens, l-Arbitru jrid jara li dan ukoll irid ikun ragonevoli.

Fit-twegiba ghall-ilment, il-provditur tas-servizz qal:

'*Is-socjetà esponenti ma tistax tifhem kif l-ilmentatur qed jaghmel dan l-ilment u qed jippretendi li jircievi l-ammont kollu li kien Estimated Maturity Value*

[25] Kap. 555, Art. 19(3)(c)

*including Reversionary and Terminal Bonuses meta fil-fatt huwa digà thallas l-ammont ta' Euro 20,203.41 minnhom.'*[26]

L-ilmentatur fl-ebda hin mhu qed jitlob li jinghata l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* fit-totalità tieghu. L-ilment tieghu huwa fis-sens li ghad fadallu jiehu *19,965 ewro.*[27]

L-ilmentatur fl-ebda hin ma cahad li hu kien ircieva s-somma offruta lilu mill-provditur tas-servizz, izda enfasizza li ghamel dan **minghajr pregudizzju ghall-kumplament tas-somma li hu jhoss li hu intitolat ghaliha:**

*'... tajtha kopja tal-ittra tal-avukat u ghidtilha li ghalkemm jien kont ser nehodhom, jien kont ser nehodhom taht protesta ghax jien kont qed nistenna s-somma li weghduni.'*[28]

Kopja ta' din l-ittra tal-avukat, li ghaliha qed issir referenza, gietipprezentata mal-ilment li tindika bic-car li:

*'... he is accepting any such payment under protest and without any prejudice to any of his rights, including but not limited to taking steps to contest the amount paid to him and claim an ulterior sum which might rightly be due to him.'*[29]

Dan ifisser li l-ilmentatur irriserva d-drittijiet tieghu fir-rigward tas-somma li giet offruta lilu meta hu hu gie mitlub biex jiffirma meta accetta li jiehu din l-istess somma.

L-Arbitru jinnota li f'dan ir-rigward minkejja li l-ilmentatur ipprezenta ruhu biex jiehu s-somma minghajr pregudizzju, u anke kellu l-ittra tal-avukat li turi dan, xorta wahda gie offrut lilu biex jiffirma dokument ***standard form*** li jigi offrut lill-klijenti l-ohra kollha li jkunu qed jaccettaw il-hlas *in full and final settlement.*

L-ilmentatur qatt ma kien qed jaccetta l-hlas *in full and final settlement* u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu joffri lill-ilmentatur dokument *ad hoc* li juri verament x'kienet is-sitwazzjoni tal-ilmentatur, jigifieri li kien qed jaccetta s-somma taht il-kundizzjoni li jibqa' jithabat ghall-kumplament.

---

[26] *A fol. 37*
[27] *A fol.* 4
[28] *A fol.* 88
[29] *A fol.* 31

Anke f'dan ir-rigward il-provditur tas-servizz kellu juri aktar professjonalità u mhux johloq ambigwità biex, imbaghad, juzaha bhala difiza ingusta li tmur lil hinn mill-kriterji li l-ligi tistabbilixxi lill-Arbitru, jigifieri li jqis il-kondotta ta' provditur tas-servizz fuq dak li hu gust, ekwu u ragonevoli. Il-kundizzjoni cara ippruvata mill-ilmentatur, anke permezz tal-ittra tal-avukat tieghu 'il fuq ikkowtata, tipprevali fuq dokument *standard form* li jinghata lill-klijenti kollha u li ingustament qed jintuza mill-provditur tas-servizz biex jahrab l-obbligi tieghu f'kaz li jigi kkundannat ihallas xi kumpens.

L-*utmost good faith* f'dawn il-kuntratti tibqa' tipprevali sal-ahhar tar-relazzjoni bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni u f'dan ir-rigward din il-*buona fede* hija nieqsa min-naha tal-provditur tas-servizz.

Ghalhekk, l-Arbitru mhux prekluz milli jaghti kumpens lill-ilmentatur.

L-aspettattiva tal-ilmentatur fil-mument tal-bejgh ma gietx milhuqa.

Izda, minkejja dan, l-Arbitru jrid jaghti kumpens li jkun ragonevoli. Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara wkoll x'rendiment halliet il-polza li, fl-ahhar mill-ahhar, ma kienx wiehed hazin; dan meta partikolarment wiehed iqis il-fatt li l-ilmentatur kien qed ihallas din il-polza ftit ftit kull sena, u l-ghazla l-ohra li kienet li l-ilmentatur u martu jpoggu flushom il-bank kif qalu. Kieku ghamlu hekk, ma kinux ser imorru ahjar. Barra minn hekk, lanqas dan ma setghu jaghmlu ghaliex huma ma kellhomx xi somma kapitali f'idejhom li setghu jinvestuha imma kienu qed ihallsu l-polza ftit ftit.

Huwa difficli hafna li l-Arbitru jasal ghal xi somma preciza, u l-kumpens li jista' jinghata huwa wiehed ibbazat fuq gustizzja ekwitattiva li izda trid tkun ukoll ragonevoli.

Ghalhekk, il-kumpens li ser jinghata huwa skont diskrezzjoni meqjusa li qed jaghmel l-Arbitru skont il-kuxjenza tieghu kif l-ekwità titlob u kif sanzjonat jaghmel skont l-Artikolu 26 tal-Kap. 555, fejn il-legizlatur ihalli f'cirkostanzi bhal dawn f'idejn l-Arbitru li jiddeciedi bl-ekwità, gustizzja u ragonevolezza.

Din il-linja ta' hsieb ghandha l-konfort tal-Qorti tal-Appell f'sentenza f'kaz simili u, *cioè*, is-sentenza fl-ismijiet: ***Tarcisio Tabone vs MAPFRE MSV Life p.l.c.,* deciza fis-6 ta' Mejju 2019**.

Kif digà ntqal, l-ilmentatur kien digà rcieva s-somma ta' €20,203.41. Ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija f'din id-decizjoni, u meta qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Arbitru jiddeciedi li *arbitrio et boni viri* jaghti kumpens addizzjonali lill-ilmentatur fis-somma ta' hamest'elef ewro.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *MAPFRE MSV Life p.l.c.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hamest'elef ewro (€5,000).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**